MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 296/2007

**Anthony Pace**

**Vs**

**Adrian Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn l-attur qed jitlob lil konvenut Adrian Zammit ghandu jigi kkundannat sabiex ihallsu s-somma ta` Lm723, rapprezentanti prezz ta` xoghol inkluz materjal ta` electrian u plumbing maghmul fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk l-ittri interpellatorji datata 2 ta` Frar, 2007, 9 ta` Jannar, 2007, u 28 ta` Novembru, 2006, u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta` l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Liema talba giet prezentata fid-29 ta` Marzu, 2007.

Ra r-risposta tal-konvenut Adrian Zammit datata 17 ta` April, 2007 fejn ikkontesta t-talbiet attrici fis-sens illi fl-ewwel lok jallega li l-konvenut Adrian Zammit ma kienx il-legittimu kontradittur f` dan il-kaz peress illi x-xoghol gie inkarigat minn Alfred Attard fil-post tat-tifla tieghu, Josette Zammit ma` l-istess konvenut illi dak in-nhar tax-xogholijiet kienet ghadha xebba Attard u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju u fit-tieni lok, jallega illi l-ammont ma kienx dovut u minflok jghid illi l-ammont dovut kien dak ta` Lm350 skond ftehim bejn il-partijiet tant illi nonostante li x-xoghol kien tlesta fis-sena 2001, il-kont gie ipprezentat f`Novembru tas-sena 2006 u fil-fatt l-istess konvenut kien diga` hareg 7 cekks ta` Lm50 l-wiehed. L-ammont miftiehem kien jirrifletti x-xoghol li lahaq ghamel l-attur f`dan il-fond u li x-xoghol sar hazin, ma sarx kollu per ezempju d-dewmien ezagerat biex l-attur ghamel ix-xoghol li lahaq ghamel, di fatti l-konvenut kien kostrett jinkariga terza persuna biex ikompli x-xogholijiet bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Ra l-verbal ta` dan it-Tribunal tal-11 ta` Mejju, 2007 fejn halla l-kawza ghal-lum, 20 ta` Gunju, 2007 ghal provi fuq l-ewwel eccezzjoni.

Sema` l-provi illi gew prodotti fuq din l-ewwel eccezzjoni u partikolarment ix-xhud Alfred Attard.

Ra illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni fuq din l-ewwel eccezzjoni, liema decizjoni qed tinghata illum stess, 20 ta` Gunju, 2007.

Ikkunsidra.

Illi mix-xhieda ta` l-istess Alfred Attard ghandu jirrizulta illi ghalkemm huwa minnu illi kien Alfred Attard cioe` missier il-mara tal-konvenut illi kien inkariga lil attur biex jahdem fil-post in kwistjoni pero` l-istess Alfred Attard jghid illi dan kien ghamlu ghan-nom tat-tifla u ta` Adrian Zammit illi kien ha jizzewweg lit-tifla tieghu.

Fil-fatt fuq domandi tat-Tribunal, Alfred Attard ghamilha cara illi l-attur kien gie avzat illi l-hlasijiet dovuta fuq ix-

xogholijiet li kien ha jaghmel Pace kienu u kellhom jithallsu mill-konvenut, Adrian Zammit u minn bintu Josette Zammit.

Illi fil-fatt ghandu jirrizulta wkoll kemm mic-cekks ezebiti mill-attur seduta stante, *amino ritirandi*, illi l-pagamenti illi saru favur l-attur fil-fatt hargu fuq l-istess konvenut.

Illi ghalhekk certament ma jistax jinghad illi l-konvenut ma ghandu x`jaqsam xejn mal-kaz in ezami.

Ghaldaqstant, in vista, ta` dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi fuq l-ewwel eccezzjoni billi jichad l-istess. Jiddikjara illi l-ispejjez fuq l-ewwel eccezzjoni ghandu jithalla ghal gudizzju finali u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------